MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2003

Citazzjoni Numru. 2018/2001/1

Leonard **GALLO** u Natasha Griscti

vs

Maja **BROWN** u James Brown

**Il-Qorti:**

Dan huwa degriet mogħti għall-finijiet tal-artikolu 173 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, wara talba magħmula mill-imħarrkin b'rikors tagħhom tas-17 ta' Novembru, 2003[1], li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talbu li l-Qorti tordna t-tneħħija mill-atti tal-kawża tal-affidavit imressaq mill-atturi billi dawn ma ġewx notifikati lill-imħarrkin kif imiss;

Illi l-atturi opponew għal din it-talba bi tweġiba mressqa minnhom fil-21 ta' Novembru, 2003[2];

Illi l-Qorti tqis li, wara li rat id-dispożizzjonijiet relattivi tal-liġi, t-talba tal-imħarrkin hija mibnija biss fuq is-siwi tan-notifika, u mhux tal-att innifsu mressaq mill-atturi. It-tneħħija ta' atti ġudizzjarji mill-atti proċesswali tgħodd biss fil-każ ta' nullita' tal-att jew ta' ħwejjeġ żejda li jissemmew fihom[3], jew meta att ikun tressaq mingħajr awtorizzazzjoni tal-Qorti. Ma jidhirx li kwestjonijiet marbutin man-notifika tajba jew ħażina tal-istess atti hija maħsuba li twassal għat-tneħħija tagħhom mill-proċess;

Illi, minbarra dan, imkien ma huwa msemmi mil-liġi fis-seħħ (fiż-żmien li tressaq l-affidavit tal-atturi) li xhieda bl-affidavit trid tiġi notifikata lill-parti l-oħra personalment u mhux ukoll lill-avukat tagħha, għajr fil-kaċ maħsub fl-artikolu 157 tal-Kap 12. Fil-każ preżenti, l-affidavit tal-atturi ma tressaqx flimkien mal-Att taċ-Ċitazzjoni. Jidher ukoll li r-rikors huwa mibni fuq dak li kien jiddisponi l-Att XVIII tal-1984 dwar l-Assistenti Ġudizzjarji u x-Xhieda bl-Affidavit. Hemmhekk, il-liġi kienet tgħid li kull affidavit kellu jiġi notifikat lill-kontro-parti. Imma dik il-liġi ma kinitx għadha fis-seħħ[4] meta tressqu l-affidavit tal-atturi;

[1] Paġġ. 64-5 tal-proċess
[2] Paġġ. 66-7 tal-proċess
[3] Art. 159(2) tal-Kap 12
[4] Kap 309 tal-liġijiet ta' Malta, imħassar b'Att XXIV tal-1995

Illi normalment, il-"*visto*" mogħti minn konsulent legali ta' parti fuq att ġudizzjarju mressaq mill-parti l-oħra jiswa bħala notifika kif imiss ta' l-att lil dik il-parti.  Fil-każ preżenti, mhux biss kienu l-istess imħarrkin li irriżervaw li jagħmlu l-kontro-eżami tax-xhieda mressqa mill-atturi bl-affidavit tagħhom, imma waqt is-smigħ tad-19 ta' Ġunju, 2002[5], il-legali tagħhom iddikjarat li huma kienu qegħdin jirrinunzjaw għall-jedd li jagħmlu l-imsemmi kontro-eżami.  Dan kien iżjed minn sena wara li l-affidavit kien tressaq;

Għal dawn ir-raġunijiet, it-talba tal-imħarrkin ma tistax tintlaqa'.

## < Sentenza In Parte >

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[5] Paġ. 37 tal-proċess